



Brussell, 30 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9520/18

Fajls Interistituzzjonali:

2016/0131 (COD)
2016/0132 (COD)
2016/0133 (COD)
2016/0222 (COD)
2016/0223 (COD)
2016/0224 (COD)
2016/0225 (COD)

ASILE 31
ASIM 57
CSC 172
EURODAC 7
ENFOPOL 286
RELEX 480
CODEC 896

NOTA

minn: Presidenza

lil: Kunsill

Nru. dok. preċ.: 8715/1/16 REV 1 ASILE 11 CODEC 613
11318/1/16 REV 1 ASILE 28 CODEC 1078
11316/16 ASILE 26 CODEC 1076 + ADD 1
11317/16 ASILE 27 CODEC 1077 + ADD 1 + ADD 2
8765/1/16 REV 1 ASILE 13 EURODAC 3 ENFOPOL 132 CODEC 630
8742/16 ASILE 12 CODEC 619
11313/16 ASIM 107 RELEX 650 COMIX 534 CODEC 1073

Suġġett:

Riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u r-Risistemazzjoni

a) Regolamentta' Dublin: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni) (L-ewwel qari)

b) Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza: Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (L-ewwel qari)

c) Regolament dwar Standards għall-Kwalifika: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul (L-ewwel qari)

d) Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (L-ewwel qari)

e) Regolament Eurodac: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013 li jstabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li qed tirisjedi illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil mad-data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni)

f) Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Asil: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u li tħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 (L-ewwel qari)

g) Regolament dwar Qafas ta' Risistemazzjoni: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (L-ewwel qari)

= Dibattitu ta' orjentazzjoni / Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-4 ta' Mejju u fit-13 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni ppreżentat seba' proposti legiſlattivi bil-għan ta' riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA). Dan il-pakkett inkluda r-riformulazzjoni tar-Regolament ta' Dublin u tar-Regolament Eurodac, proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil (EUAA), proposta għal Regolament li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-UE, proposta għal Regolament dwar Standards għall-Kwalifika, ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza u proposta għal Regolament li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni.
2. Il-Presidenza Bulgara ssoktat bl-eżami tal-proposti msemmija hawn fuq, li tnieda mill-Presidenza tan-Netherlands u li tkompla mill-Presidenza Slovakkja, dik Maltija u dik Estonjana. Dan ir-rapport ta' progress jibni fuq ir-rapport preċedenti ppreżentat lill-Kunsill fit-8 ta' Diċembru 2017, kif jinsab fid-dokument 15057/1/17.

II. SITWAZZJONI ATTWALI TAL-FAJLS DWAR IS-SEKA

A. REGOLAMENT TA' DUBLIN

3. Fil-laqgħa tiegħu ta' Ottubru 2017, il-Kunsill Ewropew laqa' l-progress miksub s'issa fir-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u appella għal aktar konverġenza lejn ftehim li jikseb il-bilanċ it-tajjeb bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u jiżgura reżiljenza għal kriżijiet futuri, f'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2017. Fil-konklużjonijiet tiegħu, il-Kunsill Ewropew iddikjara wkoll li ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu f'Diċembru, u ser jipprova jilħaq kunsens matul l-ewwel nofs tal-2018.

4. Wara d-diskussjoni li saret bejn il-Mexxejja fil-laqgħa tagħhom fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2017, il-Presidenza Bulgara, iggwidata mill-qafas stabbilit mill-Kunsill Ewropew, organizzat laqgħat tal-esperti fil-format tal-Ħbieb tal-Presidenza taħt il-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Asil (SCIFA) biex jiġi diskuss it-test tar-Regolament ta' Dublin. Ġew organizzati seba' laqgħat ta' jumejn jew ta' tliet ijiem f'dan il-format bejn il-15 ta' Jannar u t-8 ta' Mejju. Il-kwistjonijiet prinċipali identifikati ġew ippreżentati regolarment lill-COREPER għad-diskussjoni u għal gwida ulterjuri, sabiex jikkontribwixxi għall-proċess li jinstab kunsens f'konformità mat-talba mill-Kunsill Ewropew. Barra minn hekk, fit-18 ta' Mejju u t-28 ta' Mejju saru żewġ laqgħat tal-Kunsillieri ĠAI.

B. DIRETTIVA DWAR IL-KUNDIZZJONIJET TA' AKKOLJENZA

5. Il-proposta għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza inizjalment ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil, u minn Lulju 2017, mill-Kunsillieri ĠAI. Fil-laqgħa tal-Coreper tad-29 ta' Novembru 2017, il-Presidenza Estonjana kisbet mandat b'appoġġ wiesa' biex tibda negozjati mal-Parlament Ewropew. L-ewwel trilogu sar fit-12 ta' Diċembru 2017. Minn dakinhar, matul it-terminu tal-Presidenza Bulgara, saru ħames trilogi oħra. Il-ħidma intensa li żviluppat mal-PE fil-livell tekniku - bl-organizzazzjoni ta' diversi kumitati tal-abbozzar u trilogi tekniċi mmirati lejn it-thejjja tat-trilogi politiċi - ippermettiet li tiġi eżaminata d-Direttiva kollha kemm hi u li l-pożizzjonijiet politiċi, li kienu kemxejn differenti dwar diversi suġġetti, jiġu avviċinati permezz tal-elaborazzjoni ta' proposti ta' kompromess. It-trilogu li ser isir fis-6 ta' Ġunju 2018 mistenni jindirizza l-kwistjonijiet pendenti, li fir-rigward tagħhom attwalment għadhom għaddejjin in-negozjati, u għandu jippermetti li jintlaħaq qbil dwar pakkett finali.

C. *REGOLAMENT DWAR STANDARDS GĦALL-KWALIFIKA*

6. In-negozjati mal-Parlament Ewropew bdew f'Settembru 2017. S'issa diġà saru sitt trilogi b'għadd kbir ta' laqgħat tekniċi intermedji. Il-Presidenza Bulgara għamlet sforzi sostnuti biex tavvanza lejn qbil mal-PE dwar ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika. Saru diskussjonijiet approfonditi u siewja fil-livell tekniku u numru sostanzjali ta' elementi ġew iċċarati kemm fir-rigward tal-kriterji dwar il-kwalifika kif ukoll id-drittijiet u l-benefiċċji mogħtija lil beneficijarji ta' protezzjoni internazzjonali. Dawn ġew ikkonfermati wkoll fil-livell politiku. Dwar ċerti elementi importanti (pereżempju l-użu obligatorju vs fakultattiv tal-alternattiva tal-protezzjoni interna, in-natura obligatorja vs fakultattiva tar-reviżjoni tal-istatus, id-definizzjoni ta' membri tal-familja, il-perijodu ta' validità tal-permessi ta' residenza) għad irid jintlaħaq qbil. Huma previsti żewġ trilogi oħra (30 ta' Mejju u 14 ta' Ġunju) u l-Presidenza biħsiebha tagħlaq dan il-fajl sat-tmiem tal-mandat tagħha.

D. *REGOLAMENT DWAR IL-PROCĊEDURI*

7. Il-Presidenza Bulgara ffinalizzat it-tielet eżami tal-proposta fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil u r-raba' eżami fil-livelli ta' Kunsillieri ĠAI. Saru sforzi kostanti biex tingħata tweġiba għat-tħassib espress mill-Istati Membri fir-rigward ta' elementi differenti tal-proposta (pereżempju l-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti, l-assistenza u r-rappreżentazzjoni legali matul il-proċedura kollha jew l-iskadenzi għall-appelli, id-dispożizzjonijiet dwar "pajjiż bla periklu") u biex tiġi żgurata koerenza mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament ta' Dublin. Id-dispożizzjonijiet bil-għan tat-tnaqqis ta' ċerti differenzi proċedurali u l-prevenzjoni tal-abbuż mis-sistema tal-asil ġew skrutinati mill-qrib bil-għan li jinstabu l-aktar soluzzjonijiet effiċjenti filwaqt li tiġi offruta ċerta flessibbiltà lill-Istati Membri. B'mod ġenerali sar progress sinifikanti u għad fadal ftit kwistjonijiet pendenti biss, bħat-tul ta' żmien għall-ħżin ta' data u l-interazzjoni mar-Regolament ta' Dublin. Huma previsti erba' laqgħat oħra tal-Kunsillieri ĠAI u l-Presidenza biħsiebha tippreżenta t-test għal mandat għal negozjar mal-PE ftit wara l-laqgħa tal-Kunsill ĠAI.

E. REGOLAMENT EURODAC

8. In-negozjati interistituzzjonali dwar ir-riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac bdew f'Settembru 2017, abbażi tal-mandat estiż maqbul fil-Coreper fil-15 ta' Ġunju 2017 u l-vot tal-Kumitat LIBE fit-30 ta' Mejju 2017. Fl-14 ta' Frar 2018, il-COREPER estenda l-mandat ta' negozjar tal-Kunsill għar-Regolament Eurodac biex ikopri wkoll kwistjonijiet relatati mar-risistemazzjoni. Matul il-Presidenza Estonjana saru erba' trilogi u l-ħames wieħed sar matul il-Presidenza Bulgara fil-25 ta' April 2018. Waqt li kien possibbli li jinstab qbil bejn il-koleġislaturi dwar il-parti l-kbira tad-dispożizzjonijiet tar-riformulazzjoni tar-Regolament, għad fadal xi kwistjonijiet pendenti. Dawn jinkludu t-tul tal-perijodu tal-ħżin tad-data għal dawk li jfittxu l-asil, it-trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi għall-finijiet tar-ritorn, il-kwistjoni ta' persuna li takkumpanja minorenni mhux akkumpanjati fil-waqt li tkun qed tittieħed id-data bijometrika tagħhom, u l-użu tal-koerċizzjoni bħala konsegwenza tan-nonkonformità fit-teħid ta' data bijometrika. Dwar uħud minn dawn il-kwistjonijiet instab qbil possibbli f'livell tekniku. Il-Presidenza tispera li tagħlaq dawn il-kwistjonijiet fi trilogu mal-Parlament Ewropew qabel it-tmiem tal-mandat tagħha. Il-Presidenza tippjana wkoll li tibda diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew rigward id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament relatati mar-risistemazzjoni.

F. REGOLAMENT EUAA

9. B'segwitu għall-qbil li ntlaħaq dwar approċċ ġenerali parzjali fil-Kunsill, fl-20 ta' Diċembru 2016, il-Presidenza Maltija bdiet negozjati mal-Parlament Ewropew f'Jannar 2017. Bħala riżultat ta' sensiela ta' laqgħat tekniċi u trilogi, il-Presidenza Maltija laħqet qbil dwar it-termini normattivi tat-test matul it-trilogu tat-28 ta' Ġunju. Il-Presidenza Estonjana kompliet il-ħidma fil-livell tekniku sabiex tallinja l-premessi tat-test mal-parti prinċipali tal-proposta u laħqet qbil mal-Parlament Ewropew dwar din il-kwistjoni. Il-Presidenza Estonjana kkompletat ukoll il-wegħda biex ir-riżerva ta' intervent għall-asil tilħaq in-numru ta' 500 espert. Fis-6 ta' Diċembru 2017, il-Coreper ħa nota tal-qbil li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew dwar it-test tal-proposta, minbarra t-test li tpoġġa f'parentesi kwadri u li jirreferi għal proposti oħrajn tas-SEKA. Ħidma ulterjuri dwar il-proposta ġiet posposta sakemm isiru żviluppi fin-negozjati dwar il-kumplement tal-pakkett SEKA.

G. REGOLAMENT DWAR IR-RISISTEMAZZJONI

10. Il-mandat għan-negozjati mal-Parlament Ewropew ġie adottat fil-15 ta' Novembru 2017. In-negozjati interistituzzjonali bdew f'Diċembru 2017. S'issa saru erba' trilogi taħt il-Presidenza Bulgara, li ppermettew li jsir xi progress rigward diversi elementi tal-proposta. Ser isiru aktar trilogi fil-ġimgħat li ġejjin bil-għan li jintlaħaq qbil politiku sa tmiem il-mandat tal-Presidenza.

III. SISTEMA EWROPEA KOMUNI TAL-ASIL

11. Il-fajls ta' hawn fuq huma kollha marbutin ma' xulxin u jikkostitwixxu l-pedamenti għas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. In-nuqqas ta' kapaċità li jiġu skoraġġuti movimenti sekondarji ta' persuni li jfittxu l-asil bejn l-Istati Membri ġie identifikat bħala wieħed mill-akbar nuqqasijiet tas-sistema tal-asil tal-UE. Ir-Regolament ta' Dublin attwali għandu l-għan li jipprevjeni applikazzjonijiet multipli għall-asil billi Stat Membru wieħed ikun responsabbli għal applikazzjoni għall-asil, u li jipprovdi indikazzjonijiet ċari dwar liema Stat Membru huwa responsabbli, irrispettivament mill-preferenza tal-persuna li tfittex l-asil. Huwa jipprevedi sistema ta' trasferimenti ta' applikanti lejn l-Istat Membru responsabbli. Madankollu, ir-regoli attwali ta' "Dublin" dwar il-waqfien mir-responsabbiltà jipprovdu inċentivi lill-applikanti jew lil migranti irregolari li jkomplu fi triqthom lejn il-pajjiż tal-għażla tagħhom u japplikaw għall-protezzjoni hemmhekk. Barra minn hekk, f'każ li jkun jistgħu jevitaw l-obbligu skont ir-Regolament Eurodac li jipprovdu data bijometrika, ir-Regolament ta' Dublin ma jistax jiġi applikat b'mod korrett, u dan, flimkien mal-għadd baxx ta' trasferimenti li saru, huwa l-kawża għaliex is-sistema ssir ineffettiva.
12. Il-movimenti sekondarji huma inkoraġġuti wkoll mil-livell limitat ta' armonizzazzjoni tas-sistemi tal-asil tal-Istati Membri, pereżempju fir-rigward tat-tul tal-proċedura jew il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza, u dan jirriżulta għallinqas parzjalment minn dispożizzjonijiet li spiss huma fakultattivi fid-Direttivi attwali dwar il-Proċeduri tal-Asil u dik dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza (RCD). Bl-istess mod, it-tneħħija tad-dispożizzjonijiet diskrezzjonali li fadal fil-kriterji għall-valutazzjoni tal-merti ta' talbiet għall-asil, permezz tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika, għandhom jgħinu wkoll biex jitnaqqsu l-movimenti sekondarji.

13. L-indirizzar tal-movimenti sekondarji kien wieħed mill-għanijiet ewlenin tar-riforma tas-SEKA. Ġew proposti firxa ta' miżuri fl-acquis tal-asil kollu kemm hu biex jiġi skoraġġut li applikanti u benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jivvjaġġaw lejn l-Istat Membru tal-preferenza tagħhom u li movimenti irregolari bħal dawn jiġu sanzjonati. Minbarra miżuri fir-Regolament ta' Dublin u r-Regolament Eurodac, ġie propost titjib proċedurali ieħor fir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil (APR). Minħabba li dan ir-Regolament ser jissostitwixxi d-Direttiva attwali, l-iskadenzi u r-regoli relatati ser isiru applikabbli direttament fl-Istati Membri u b'hekk jitneħħew id-diskrepanzi kbar li jeżistu attwalment f'termini ta' proċedura fil-livell tal-UE u jitneħħa l-inċentiv li wieħed jiċċaqlaq bejn l-Istati Membri biex ifittex proċedimenti aktar rapidi. Huwa fih ukoll obbligi ċara għall-applikant akkumpanjati minn sanzjonijiet stretti f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Element importanti ieħor jikkonċerna l-armonizzazzjoni tar-regoli dwar pajjiżi terzi bla periklu, pajjiżi ta' asil preċedenti u pajjiżi ta' oriġini bla periklu, li huma msemminjati aktar 'il quddiem.
14. Dan ta' hawn fuq juri b'mod ċar li l-fajls SEKA kollha huma marbutin mill-qrib. Għalhekk, progress reali lejn il-miri tas-SEKA, li qed jillimita l-movimenti sekondarji u jagħmel il-proċeduri tal-asil aktar effiċjenti jista' jintlaħaq biss jekk jista' jinstab qbil dwar il-fajls SEKA kollha (ara l-Anness 1).

Huwa f'dan l-isfond li l-Presidenza tippreżenta lill-Kunsill għal dibattitu l-mistoqsijiet ta' hawn taħt dwar iż-żewġ fajls li dwarhom il-Kunsill għadu ma laħaqx qbil u ma ġie adottat l-ebda mandat ta' negozjar, jiġifieri, ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil u r-Regolament ta' Dublin. L-ilħuq ta' qbil dwar dawn iż-żewġ fajls huwa wkoll kruċjali fir-rigward tan-negozjati mal-PE, sabiex ir-riforma tas-SEKA tiġi ffinalizzata fl-ambitu tal-mandat tal-Parlament attwali.

A. *REGOLAMENT DWAR IL-PROĊEDURI*

15. Il-proposta għal Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil fiha dispożizzjonijiet dettaljati rigward il-kunċetti ta' pajjiż bla periklu, jiġifieri il-pajjiż terz bla periklu, il-pajjiż ta' asil preċedenti u l-pajjiż ta' orġini bla periklu. Il-kunċetti ta' pajjiż terz bla periklu u pajjiż ta' asil preċedenti huma raġunijiet biex applikazzjoni tiġi ddikjarata inammissibbli, filwaqt li pajjiż ta' orġini bla periklu huwa raġuni biex applikazzjoni tiġi eżaminata bi proċedura aċċellerata ta' eżami. Il-proposta tipprevedi listi tal-UE kemm għal pajjiżi ta' orġini bla periklu kif ukoll għal pajjiżi terzi bla periklu. Lista ta' pajjiżi ta' orġini bla periklu kienet annessa għar-Regolament propost, filwaqt li ma kienx fiha lista ta' pajjiżi terzi bla periklu, iżda stipulat li din ser tiġi adottata fi stadju aktar tard permezz ta' emenda futura għar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil (Artikolu 46)¹.
16. Saru diskussjonijiet approfonditi fid-diversi korpi preparatorji tal-Kunsill fir-rigward ta' elementi differenti relatati mal-kunċett ta' pajjiżi bla periklu. Għalhekk, il-kriterji li għandhom jiġu sodisfatti minn pajjiż terz bla periklu jew minn pajjiż ta' asil preċedenti u l-kunċett relatat ta' "protezzjoni suffiċjenti" kienu l-oġġett ta' diskussjonijiet twal, speċjalment b'segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2017, li talbu allinjament tad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-proposta mar-rekwiżiti effettivi li jirriżultaw mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra u d-dritt primarju tal-UE. Dawn l-elementi ġew diskussi wkoll f'laqgħa ta' SCIFA² fit-28 ta' Settembru 2017. Minn din il-laqgħa sar progress sinifikanti sabiex jiġu ċċarati dawn il-kunċetti u l-aħħar proposti ta' kompromess tal-Presidenza ġew appoġġati b'mod ġenerali mill-Istati Membri, biex b'hekk ġiet sodisfatta t-talba tal-Kunsill Ewropew.

¹ Listi simili huma element essenzjali tal-APR u għalhekk jistgħu jiġu modifikati biss permezz ta' Regolament li għandu jiġi adottat permezz tal-proċedura leġislattiva normali. Ara s-sentenza tal-ECJ fil-kawża C-133/06.

² 12331/17

17. Skont il-proposta ta' kompromess l-aktar reċenti tal-Presidenza, l-Istati Membri dejjem ser ikunu jistgħu jżommu jew jintroduċu listi nazzjonali ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu jew ta' pajjiżi terzi bla periklu b'mod parallel mal-listi tal-UE (Artikolu 50). Dan ifisser li, fil-każ ta' applikant li ġej minn pajjiż ta' oriġini bla periklu, applikazzjoni tista' tiġi ddikjarata bħala infondata bla anke jekk dak il-pajjiż mhuwiex fuq il-lista tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu iżda jkun fuq il-lista nazzjonali tal-Istat Membru responsabbli. Fl-istess mod, fil-każ ta' applikant li wasal fl-UE minn pajjiż terz bla periklu u jista' jiġi riammess f'dak il-pajjiż terz, applikazzjoni tista' tiġi ddikjarata inammissibbli anke jekk dak il-pajjiż mhuwiex fuq il-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bla periklu iżda fuq il-lista nazzjonali tal-Istat Membru responsabbli. Madankollu, meta pajjiż terz jiġi sospiż milli jkun deżinjat bħala pajjiż terz bla periklu fil-livell tal-Unjoni l-Istati Membri m'għandhomx jiddeżinjaw dak il-pajjiż bħala pajjiż terz bla periklu fil-livell nazzjonali. Jekk il-pajjiż terz m'għadux iddeżinjat bħala pajjiż bla periklu fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw lil dak l-istat terz bħala pajjiż terz bla periklu biss jekk il-Kummissjoni ma toġġezzjonax għal dik id-deżinjazzjoni.
18. Il-kontenut tal-lista tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu, kif ukoll l-għażla li jkun hemm lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bla periklu diġà annessa għar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil, ġew diskussi reċentement matul laqgħa ta' SCIFA³ fis-17 ta' Mejju 2018. Wara din il-laqgħa, kien jidher ċar li l-Istati Membri jaqblu li jkun hemm lista tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu b'mod parallel ma' listi nazzjonali.

³ 8735/18

Id-diskussjonijiet fi SCIFA kkonfermaw ukoll l-appoġġ tal-Istati Membri għal lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bla periklu annessa għar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil. Id-diskussjonijiet indikaw ukoll li m'hemmx il-ħtieġa li wieħed jistenna għal qbil dwar il-kontenut ta' dawn il-listi qabel ma jibdw in-negozjati mal-PE, u li l-kontenut jista' jiġi maqbul bejn l-Istati Membri fi stadju aktar tard fil-forma ta' mandat ta' negozjar supplimentari. Sadanittant, il-Presidenza beħsiebha tfittex mandat ta' negozjar fuq il-kumplement tal-proposta qabel it-tmiem ta' Ġunju 2018.

19. *F'dan l-isfond, id-delegazzjonijiet mistiedna jaqblu li:*

- *lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bla periklu għandha tkun lesta biex tiġi annessa għar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil fil-ħin tal-adozzjoni;*
- *mandat ta' negozjar dwar ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil għandu jiġi adottat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti bħala kwistjoni ta' urġenza sat-tmiem ta' Ġunju sabiex il-Presidenza li jmiss tkun tista' tibda n-negozjati mal-PE.*

B. *REGOLAMENT TA' DUBLIN*

20. Filwaqt li kompliet tibni fuq id-diskussjonijiet li saru taħt il-Presidenzi preċedenti dwar l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipji ta' solidarjetà u responsabbiltà, il-Presidenza Bulgara poġġiet fir-Regolament ta' Dublin il-pedamenti għal mekkaniżmu ta' kriżi ġdid għall-ġestjoni tas-sistemi tal-migrazzjoni u l-asil fl-Unjoni meta taħt pressjoni. Dan sar b'mod parallel mal-ħidma li qed issir fuq elementi fundamentali oħra tas-sistema tal-asil u l-migrazzjoni, li ser tiġi mibnija madwar l-aspetti tal-politika komprensiva fir-rigward tal-ġestjoni rinfurzata tal-fruntieri, ir-ritorni u d-dimensjoni esterna. Il-proposta tal-Presidenza saret fuq il-fehim li r-rispons Ewropew għal pressjoni migratorja sproporzjonata għandha tkun sistemika, ikkoordinata u f'waqtha. Din għandha tippermetti li sitwazzjonijiet differenti li jistgħu jitfaċċaw fl-UE iżda wkoll esternament jiġu indirizzati b'mod adatt, u għalhekk għandhom ikunu adattabbli għal-livelli differenti ta' pressjoni, flussi u sitwazzjonijiet migratorji differenti fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu. Għandha tiġi żgurata azzjoni koerenti mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE.

Abbażi tal-esperjenza miksuba u t-tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-2015 u l-eżiti tad-diskussjonijiet fil-livell politiku dwar il-prinċipji ewlenin tar-riforma ta' Dublin, il-Presidenza Bulgara ssuġġeriet li jiġi inkluż kapitolu ġdid li jipprevedi rispons Ewropew komprensiv għal pressjoni migratorja sproporzjonata.

Is-sitwazzjoni, f'fatti u f'numri, osservata bejn l-2010 u l-2017 turi b'mod ċar il-ħtieġa għal mekkaniżmu strutturat fil-livell tal-UE biex jiġi żgurat li kull sfida potenzjali għas-sistemi ta' asil u migrazzjoni tal-UE tiġi indirizzata f'mod sistematiku u f'waqtu. Kif jidher fl-anness 2 in-numru ta' applikazzjonijiet għall-asil beda jiżdied fil-livell tal-UE fl-2011 – meta bdew il-konflitti fis-Sirja u fil-Libja – qabel ma laħqu l-quċċata tagħhom fl-2015. In-nuqqas ta' kriterji u miżuri maqbulin minn qabel irriżulta f'għadd ta' miżuri ad-hoc biex jirrispondi għal sitwazzjoni li kienet qed tiddeterjora. Dan wassal għal dewmien fl-adozzjoni tal-miżuri meħtieġa sal-2015-2016, meta kien sar assolutament mingħajr dubju li l-sitwazzjoni tant kienet serja li kienet teħtieġ rispons qawwi tal-UE. Fuq nota pożittiva, jista' jiġi indikat ukoll li meta l-miżuri rispettivi ġew eventwalment skattati, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE aġixxew flimkien b'mod konġunt, li ppermetta protezzjoni rinfurzata tal-fruntieri esterni, tnaqqis kostanti fin-numri ta' wasliet irregolari u ta' haġġiet mitlufa fil-baħar, is-sostituzzjoni ta' movimenti disordinati b'moġhdijiet legali u sikuri għal persuni li kellhom ħtieġa ġenwina ta' protezzjoni internazzjonali u għajjnuna lill-Istati Membri l-aktar milquta biex jindirizzaw il-pressjoni. Waqt li huwa diffiċli li jiġi stmat l-impatt tal-miżuri individwali li tnedew matul dan il-perijodu, huwa t-taħlita ta' dawn il-miżuri kollha li fil-verità wassal għal tnaqqis gradwali u kostanti fil-pressjoni u ġestjoni aħjar tal-flussi tal-asil u l-migrazzjoni, inkluż it-tnaqqis tan-numru ta' wasliet irregolari b'mod sostenibbli maż-żmien.

21. Bl-introduzzjoni tal-kapitolu l-ġdid, il-Presidenza għandha l-għan li tuża r-Regolament ta' Dublin biex tistabbilixxi l-pedamenti għall-iżvilupp ta' rispons għall-kriżijiet komplut għall-ġestjoni tas-sistema tal-UE tal-migrazzjoni u l-asil meta tkun taħt pressjoni, partikolarment billi ttipprovdi sett ta' miżuri li jistgħu jiġu applikati matul l-istadji differenti ta' kriżi potenzjali. Il-miżuri għandhom ikunu mfasslin sabiex jippermettu rispons adatt u mfassal għal sitwazzjonijiet ta' qabel il-kriżi u ta' kriżi differenti: livelli differenti ta' pressjoni, flussi migratorji differenti, sitwazzjonijiet differenti f'pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu, eċċ.

Il-proposta tal-Presidenza tiddistingwi bejn tliet fażijiet tal-mekkaniżmu ta' kriżi: ċirkostanzi normali, ċirkostanzi ta' sfida u kriżijiet serji. It-tieni stadju ta' ċirkostanzi ta' sfida ġie maqsum f'żewġ substadji. It-test il-ġdid tal-Kapitolu VIA jistabbilixxi miżuri u kriterji addizzjonali li għandhom jiġu applikati meta Stat Membru wieħed jew aktar ikunu jinsabu f'ċirkostanzi ta' sfida jew kriżi serja. Il-kunċett ewlieni hawnhekk huwa dak ta' sehem ġust, li jindika n-numru ta' applikanti li kull Stat Membru jkun f'pożizzjoni li jittratta. Jekk, minkejja l-miżuri meħuda, is-sitwazzjoni tiddeterjora, għandhom japplikaw il-proċeduri previsti għas-sitwazzjoni ta' kriżi severa (ara l-anness 3).

22. Bħala riżultat tad-diskussjonijiet imsemmijin hawn fuq, l-oġettivi ġenerali tar-Regolament ta' Dublin ġew ikkonfermati u nkiseb appoġġ wiesa' għall-parti l-kbira tad-dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' Regolament. Madankollu, ħafna delegazzjonijiet enfasizzaw li l-pożizzjonijiet finali tagħhom ser jiddependu fuq il-bilanċ ġenerali miksub bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà u l-effikaċja ġenerali ta' Dublin irrifformat.
23. Huwa kruċjali li jinkiseb il-bilanċ it-tajjeb bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà għall-funzjonament futur tas-sistema l-ġdida tal-asil tal-UE. Minn naħa waħda jeħtieġ sett ċar ta' kriterji sabiex tiġi ddeterminata r-responsabbiltà li ma tinbidilx jew li ma tieqafx faċilment. Is-sistema riformata ta' Dublin għandha tipprevjeni fatturi ta' attrazzjoni u tillimita movimenti sekondarji u l-abbuż billi tistabbilixxi obbligi ċara għall-Istati Membri u għall-applikanti inkluż konsegwenzi għan-nonkonformità, u tiżgura proċeduri effiċjenti għall-iffaċilitar tat-trasferimenti ta' Dublin. Min-naħa l-oħra, is-sistema riformata għandu jkollha komponent ta' prevenzjoni qawwi, li jillimita kemm jista' jkun is-sitwazzjonijiet ta' kriżi iżda li, fl-istess waqt, meta jitfaċċaw avvenimenti imprevisi jew il-piż fuq Stat Membru isir sproporzjonat, l-Unjoni għandu jkollha għad-dispożizzjoni tagħha mekkaniżmu ta' solidarjetà li jiffunzjona tajjeb, effettiv u faċli biex jinbeda.

24. Bil-ħsieb li l-Presidenza tieħu kont tal-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet, il-bilanċ fir-Regolament ta' Dublin għandu jkun ibbażat fuq l-elementi li ġejjin (ara l-anness 4):

Fir-rigward tar-responsabbiltà:

- responsabbiltà stabbli ta' tmien snin;
- regoli msaħħa għall-applikazzjoni tal-kriterji biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli;
- il-bidu tal-proċeduri ta' Dublin wara r-reġistrazzjoni;
- skadenzi mqassra għat-twettiq tal-istadji kollha tal-proċeduri ta' Dublin;
- introduzzjoni ta' notifiċi għat-teħid lura.

Fir-rigward tas-solidarjetà:

- kejl ġust tal-piż tal-asil ta' kull Stat Membru;
- appoġġ finanzjarju awtomatiku (per capita għall-applikanti, benefiċjarji u persuni rimpatrijati);
- appoġġ espert, tekniku u operazzjonali awtomatiku fl-oqsma tal-asil u r-ritorni;
- appoġġ immirat għad-dimensjoni esterna, dirett lejn pajjiżi terzi ta' orġini u ta' transitu, kif ukoll lejn l-ewwel pajjiżi ta' asil u pajjiżi ġirien;
- allokkazzjoni mmirata primarjament fuq bażi volontarja, b'inċentivi b'saħħithom, u, bħala miżura tal-aħħar, abbażi ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill bħala garanzija effettiva biex tiġi skattata l-allokkazzjoni.


25. *F'dan l-isfond, id-delegazzjonijiet mistiedna jaqblu li:*

- *s'issa nkiseb progress sinifikanti dwar il-kisba ta' bilanċ sodisfaċenti bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u l-iżgurar tar-reżiljenza għal kriżijiet futuri,*
- *il-proposta ta' kompromess imħejjija mill-Presidenza tirrappreżenta bażi tajba għat-tħejjijiet li l-Presidenza tal-Kunsill Ewropew, f'konsultazzjoni mal-Presidenza b'rotazzjoni u filwaqt li tibni fuq il-ħidma li saret s'issa, ser timpenja ruħha fihom wara l-laqgħa tal-Kunsill, fid-dawl tal-laqgħa tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern fl-aħħar ta' Ġunju, b'enfasi fuq il-kwistjonijiet pendent i ewlenin.*

Skont l-eżitu tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju, għandu jiġi adottat malajr mandat ta' negozjar sabiex jibdw in-negozjati mal-Parlament malajr kemm jista' jkun.


New CEAS under normal circumstances

Streamlined for persons in need of protection, Rigid for asylum shopping



© European Union, 2018.
Reproduction is authorised, provided the source is acknowledged


New CEAS effective procedures under crisis




© European Union, 2018.
Reproduction is authorised, provided the source is acknowledged

New Dublin

PROTECTING EUROPE - REVERSING THE DYNAMICS



	EU REACTION IN CHALLENGING CIRCUMSTANCES		EU REACTION IN SEVERE CRISIS
LEAD	COM	COUNCIL	EUCO
TRIGGER	Automatically Immediate, targeted (simultaneously or individually)	Council decision	EUCO guidance
RESPONSE	 Financial support  Expert support  Technical support  Operational support  Returns  Resettlement  Emergency evacuation schemes  Deployment of EMLOs  Activating EU DEL  Capacity building and training in 3rd countries  Allocation  Migrant smuggling Other measures	ALL UPGRADED	ALL UPGRADED + Extraordinary measures
ACTION	COM, EEAS, Agencies MS concerned different MS depending on willingness, possibilities and real needs	COM, EEAS, Agencies MS concerned all MS on all measures	According to guidance from EUCO



Main objectives of the reform

✱ Curbing secondary movements ✱ Alleviating burden from the front-line MS

To be applied by individual MS

RESPONSIBILITY	SOLIDARITY
<i>stable responsibility of 8 years</i>	<i>fair measurement of the asylum burden of every MS</i>
<i>strengthened rules for application of the criteria for determining the responsible MS</i>	<i>automatic financial support (applicants, beneficiaries, returns)</i>
<i>allowing the start of the procedures as of the registration</i>	<i>automatic expert, technical and operational support</i>
<i>shortened deadlines for all stages of the procedure</i>	<i>targeted support for the external dimension</i>
<i>introduction of take back notification</i>	<i>targeted allocation at all stages</i>

Overall outcome for the EU asylum system:

- ✱ Efficient and effective determination of responsible MS;
- ✱ Streamlined asylum procedures eliminating asylum shopping;
- ✱ Clear obligations for applicants and rigid consequences for non-compliance;
- ✱ Fully-fledged crisis mechanism for managing the system when under pressure;
- ✱ Clear criteria for levels of pressure on a MS's asylum system;
- ✱ Mechanisms for EU solidarity